MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI RIMANDANTI

### MAGISTRAT DR.

### CHARMAINE GALEA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 583/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Cuschieri)**
**Vs**

**FRANCESCO RIPEPI**

**(hawn aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradand")**

**Illum l-Erbgha 22 ta' Lulju 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **FRANCESCO RIPEPI , ta' 38 sena, ta' nazzjonalita Taljana, imwieled f'Reggio Calabria, fl-Italja, nhar l-14 ta' Lulju 1977, iben Domenico u Silvana nee` Mattia Richichi, pussessur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AS 4604053, residenti lokalment f' 37, Swieqi Road, Swieqi;**

Wara li rat ix-Schengen Information System Alert (aktar 'l isfel imsejjah "SIS Alert") u l-Mandat t'Arrest Ewropew datat 15 ta' Lulju 2015 fil-konfront ta' **FRANCESCO RIPEPI**, u wara li rat ic-Certifikat tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05;

Wara li semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mill-Avukati tad-Difiza ta' l-estradand;

Wara li semghet lil **FRANCESCO RIPEPI** jikkonferma li huwa dak il-persuna ghal-liema inhareg 'il fuq imsemmi SIS Alert u Mandat t'Arrest Ewropew;

Tiddikjara, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti huwa fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il-Mandat t'Arrest Ewropew datat 15 ta' Lulju 2015 taht Taqsima II ta' l-imsemmi Avviz Legali kif emendat;

Wara li ai termini tal-artikolu 11 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, il-Qorti infurmat lill-estradand dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu;

Wara li tat lill-estradand dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta' l-Artikolu 11 (2) tal-istess imsemmi Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li spjegat lill-estradand l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li semghet lill-estradand **FRANCESCO RIPEPI** jiddikjara li huwa **qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Italja**, u li huwa mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalita` koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,

Wara li rat l-artikoli 43 u 45 (3) (a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif sussegwentement emendat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, tordna li l-estradand **FRANCESCO RIPEPI** kif imsemmi u deskritt fl-istess SIS Alert u Mandat t'Arrest Ewropew jinzamm taht kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tieghu lejn il-pajjiz skedat, u cioe` l-Italja, u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum stess.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------